

Brussell, 18 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14375/24

COPS 619
POLMIL 347
EUMC 539
INDEF 66
CORLX 1109
CFSP/PESC 1633
CSDP/PSDC 809
PESCO 27

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 14373/24 COPS 590 POLMIL 345 EUMC 518 INDEF 60 CORLX 1021 CFSP/PESC 1517 CSDP/PSDC 771 PESCO 22 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Novembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO (PSR)**Introduzzjoni**

1. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li, mit-tnedija tagħha fl-2017, il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) uriet li hija qafas ċentrali fl-approfondiment tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri parteċipanti fil-livell tal-UE. Permezz tal-impenji aktar vinkolanti u l-proġetti kollaborattivi fil-qafas tal-PESCO, l-Istati Membri parteċipanti żiedu l-isforzi tagħhom fil-qasam tad-difiża. Dan jinkludi t-tnejn operazzjonali u l-interoperabbiltà, l-infiq u l-investiment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, il-kontribut tal-forzi armati tagħhom għall-missjonijiet l-aktar impenjattivi, it-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), kif ukoll l-għajnuna biex tinbena kultura strateġika komuni.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, imwettaq f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-PESCO¹, bħala pass lejn PESCO aktar b'saħħha u aktar strateġika u effettiva lil hinn mill-2025. Il-Kunsill jilqa' l-eżiti tad-diskussjonijiet imwettqa mill-Istati Membri parteċipanti bl-appoġġ tas-Segretarjat tal-PESCO fil-fażi ta' riflessjoni, u jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Annwali tar-Rappreżentant Għoli dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-PESCO.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti.

3. Il-Kunsill jinnota li l-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-PESCO, iddikjarati fl-anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-PESCO, jibqgħu validi. Għaldaqstant, il-PESCO tibqa' qafas legali tal-UE ambizzjuż, vinkolanti u inklużiv għal investimenti fis-sigurtà u d-difiża tat-territorju tal-Istati Membri tal-UE u ċ-ċittadini tagħhom. Il-PESCO tipprevedi wkoll mezz politiku kruċjali għall-Istati Membri parteċipanti biex itejbu l-assi militari u l-kapaċitajiet ta' difiża rispettivi tagħhom permezz ta' inizjattivi kkoordinati tajjeb u proġetti konkreti bbażati fuq l-impenji aktar vinkolanti. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-prinċipji gwida stabbiliti fit-Trattati u dawk maqbula mill-Kunsill Ewropew.
4. Il-Kunsill ifakkar li l-PESCO għandha tikkontribwixxi għat-twettiq tal-Livell ta' Ambizzjoni tal-Unjoni u l-oġettivi u l-prijoritajiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, filwaqt li tirrifletti l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-Istati Membri parteċipanti fl-ambjent ta' sigurtà l-ġdid. Biex tibqa' fiċ-ċentru tal-isforzi tad-difiża tal-UE u ssaħħaħhom aktar, jeħtieġ li l-PESCO tiġi aġġornata biex tirrifletti l-istrumenti u l-politiki rilevanti eżistenti u futuri tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża².

² 7371/22.

5. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-Ukrajna tinġieb eqreb tal-inizjattivi tad-difiża tal-UE, f'konformità mal-impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ffirmati fis-27 ta' Ġunju 2024. Minn issa 'l quddiem, il-Kunsill jenfasizza li, fejn applikabbli, il-PESCO għandha tikkontribwixxi wkoll għall-isforzi usa' tal-UE mmirati lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet militari tal-Ukrajna. Dan jikkontribwixxi għall-isforzi ġenerali biex jitjieb l-istat ta' tħejjija tal-UE fir-rigward tad-difiża, filwaqt li jgħin lill-Istati Membri jkomplu jipprovdu appoġġ militari lill-Ukrajna. L-appoġġ militari ser jingħata b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
6. F'dan l-isfond, il-Kunsill jaqbel li l-PESCO tiġi aġġustata fid-dawl tal-fażi l-ġdida tagħha, li tibda fl-2026, u jipprovdi l-gwida li ġejja fir-rigward tal-impenji, il-proġetti u l-metodi ta' ħidma.

Impenji

7. Il-Kunsill jinnota li, mingħajr ma jitnaqqas il-livell eżistenti ta' ambizzjoni, il-PESCO għandha tkun mirfuda b'impenji li huma aktar strateġiċi u politiċi, konkreti u simplifikati, u limitati fin-numru. Il-Kunsill jirrakkomanda li s-sett rivedut ta' impenji jkun strutturat abbażi ta' oqsma ewlenin bħall-infiq u l-investiment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, l-armamenti u l-kooperazzjoni industrijali, u d-dimensjoni operazzjonali.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li dawn l-impenji jindikaw għanijiet ċari u li jistgħu jitkejlu, biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni, u biex tiġi żgurata t-trasparenza. Il-Kunsill jirrikonoxxi li dan ser jgħin biex tissaħħaħ is-sorveljanza politika, jappoġġa r-rappurtar tal-Istati Membri parteċipanti, u jissimplifika l-valutazzjoni tal-progress tal-PESCO. Dan, min-naħa tiegħu, ser jappoġġa viżibbiltà akbar tal-PESCO, kif ukoll sjieda politika msaħħa.

9. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-maġġoranza tal-Istati Membri parteċipanti żiedu b'mod konsistenti l-infiq għad-difiża, inkluż l-investment fid-difiża. Fl-istess ħin, il-Kunsill jappella biex ikomplu jiżdiedu dawn l-isforzi u l-impatt tagħhom, u jistenna b'interess li jissimplifika l-impenji rilevanti kif meħtieġ, inkluż permezz ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għall-fażi li jmiss tal-PESCO, biex jiġu allinjati, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ambjent ta' sigurtà li qed jevolvi. Huwa jinnota wkoll l-importanza li ż-żieda fil-baġits nazzjonali tissarraf f'investment aktar kollaborattiv fid-difiża, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-PESCO, flimkien ma' strumenti oħra tal-UE, biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri parteċipanti biex iwasslu l-kapaċitajiet identifikati bħala strateġikament rilevanti. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' sforzi msaħħa mmirati lejn il-kisba tal-punt ta' riferiment kollettiv relatat mar-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża, filwaqt li jappoġġa l-politiki u l-attivitajiet rilevanti permezz tal-għodod disponibbli fil-livell tal-UE.

10. Fir-rigward tal-impenji relatati mal-ippjanar tad-difiża, l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti, u l-implimentazzjoni tal-għodod u l-inizjattivi tal-UE, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ ta' żvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE aktar koeżiv u effiċjenti biex tinkiseb interoperabbiltà sħiħa. F'dan ir-rigward, il-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet u l-Prijoritajiet għall-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE li jirriżultaw jibqgħu r-referenza ċentrali għal ippjanar tad-difiża li jinkludi l-UE kollha u għal inizjattivi, politiki u leġiżlazzjoni eżistenti u futuri relatati mad-difiża. Il-Kunsill jissottolinja li dawn għandhom jissaħħu aktar fl-impenji rilevanti kollha. Permezz ta' approċċ kollaborattiv għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet kollaborattivi identifikati permezz tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) biex jidentifikaw proġetti komuni u jieħdu vantaġġ mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE bħall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) proposti mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol essenzjali u l-għarfien espert tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) biex jiġi żgurat l-allinjament koerenti tal-inizjattivi, il-politiki u l-leġiżlazzjoni attwali u futuri tal-UE relatati maċ-ċiklu tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet u lil hinn minnu. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-koerenza dejjem akbar tal-output bejn il-proċessi rispettivi tal-UE u tan-NATO fir-rigward tal-ippjanar tad-difiża u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2023³.

³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2023 li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu l-impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) (C/2023/994).

11. Il-Kunsill jinnota li l-impenji operazzjonali jeħtieġ li jiġu aġġornati b'kont meħud tal-Boxxla Strateġika u l-iżviluppi reċenti fix-xenarju tas-sigurtà globali. Sabiex isir kontribut għall-kapaċità tal-UE li taġixxi, tiżdied l-interoperabbiltà fost l-Istati Membri, u titrawwem l-istandardizzazzjoni (f'konformità mal-istandards tan-NATO), l-impenji operazzjonali jistgħu jappoġġaw b'mod partikolari l-operazzjonalizzazzjoni tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE u t-tweqqif tal-eżerċizzji reali relatati tal-UE, b'kont meħud tal-prinċipju tas-sett uniku ta' forzi. Il-Kunsill itenni wkoll l-importanza ewlenija tal-EPF bħala strument globali b'appoġġ għall-oġettivi tal-PESK/PSDK tagħna. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li l-impenji rilevanti kollha għandhom jinkludu l-kooperazzjoni fl-oqsma operazzjonali kollha (l-art, l-ajru, il-baħar, iċ-ċiberspazju, u l-ispazju), kif ukoll il-faċilitaturi strateġiċi u l-multiplikaturi tal-forza.
12. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ewlenija li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE jingħataw persunal, forzi u kapaċitajiet adegwati, kif ukoll l-importanza tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet operazzjonali, u jenfasizza l-importanza kontinwa tal-impenji rilevanti.

13. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ l-EDTIB, f'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2024⁴. F'dan is-sens, u bil-ħsieb li jissaħħaħ ir-rwol tal-PESCO b'ħala qafas ċentrali fis-sett ta' għodod tad-difiża tal-UE, il-Kunsill jirrakkomanda li jissaħħu r-rabtiet bejn il-PESCO u l-istrumenti b'appoġġ għall-EDTIB. L-impenji għandhom jiġu aġġornati biex tiġi enfasizzata aktar l-importanza tat-tisħiħ tal-EDTIB, filwaqt li jitqiesu l-oġettivi ġenerali identifikati fid-dokumenti rilevanti. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2024, il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża⁵ u appella biex il-ħidma kollha fuqha titmexxa 'l quddiem f'koordinazzjoni mal-Istati Membri. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni lit-tisħiħ tar-rispons u r-reżiljenza tal-EDTIB, ittnaqqs tad-dipendenzi strateġiċi, l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, u l-appoġġ għal akkwist aktar kollaborattiv. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-UE kollha.

Proġetti

14. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-PESCO tipprovdi l-pjattaforma għat-tnedija ta' proġetti ta' rilevanza strateġika għall-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż biex jirrispondu għall-ħtiġijiet relatati mal-ispettru sħiħ tal-kapaċitajiet, anke għal gwerra ta' intensità għolja. Dawn għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq tal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE, filwaqt li jindirizzaw ukoll id-diskrepanzi fil-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri parteċipanti, inkluż għall-kompiti internazzjonali u nazzjonali tagħhom, u l-protezzjoni tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

⁴ 9225/24.

⁵ 7339/24.

15. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal titjib fil-kwalità tal-proġetti. F'dan il-kuntest, il-proġetti tal-PESCO għandhom jiġu żviluppati abbażi tal-opportunitajiet kollaborattivi identifikati mill-CARD, u b'hekk jindirizzaw il-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE għall-2023, inkluż l-Għanijiet b' Kapaċità ta' Impatt Kbir. Huma għandhom jikkontribwixxu għall-koerenza tax-xenarju tal-kapaċità tal-UE, kif ukoll għall-koerenza tal-output bejn l-UE u n-NATO, fejn ir-rekwiżiti jikkoinċidu, filwaqt li jkollhom impatt pożittiv fuq l-EDTIB u fl-UE kollha.
16. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu osservati l-kriterji ta' valutazzjoni għall-proposti tal-proġetti. Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' proġetti strateġiċi u li jħallu impatt, il-proposti rispettivi għall-proġetti għandhom jinkludu objettivi u skedi ta' żmien ċari u li jistgħu jitkejlu, stabbiliti mill-membri tal-proġett biex jistimulaw progress f'waqtu. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri parteċipanti biex iniedu proġett ġdid preferibbilment b'mill-inqas tliet parteċipanti. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri parteċipanti biex jagħlqu proġetti bi prestazzjoni insuffiċjenti jew li ma għadhomx meqjusa rilevanti. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-possibbiltà li l-Istati Membri parteċipanti jniedu wkoll (eċċezzjonalment) proġetti ġodda barra miċ-ċiklu biennali tal-proġett, jekk il-livell ta' maturità tagħhom jitqies suffiċjenti u jekk ikun hemm qbil min-naħa tal-Kunsill.

17. Il-Kunsill jinnota li baġits suffiċjenti, kif ukoll l-użu effettiv tagħhom, huma prerekwiżit fundamentali għall-iżvilupp u l-eżekuzzjoni b'suċċess tal-proġetti. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu esplorati inċentivi finanzjarji għal proġetti tal-PESCO, inkluż permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-programmi tal-UE, kif rilevanti. Huwa jhegġegħ lill-Istati Membri parteċipanti biex ikomplu jagħmlu l-aħjar użu mill-FEŻ, kif ukoll biex jesploraw modi kif japplikaw għodod u strumenti finanzjarji oħra tal-UE, bħall-EDIP propost mill-Kummissjoni, biex iżidu l-proġetti kollaborattivi, jikkooperaw biex itaffu n-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet, jappoġġaw l-aggregazzjoni tad-domanda, u jżidu l-akkwist konġunt. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu definiti rabtiet ċari bejn il-proġetti rilevanti tal-PESCO u l-proposti tal-FEŻ.
18. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll involviment aktar bikri u aktar strutturat tal-utenti finali (b'mod partikolari l-forzi armati tal-Istati Membri parteċipanti) matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett, filwaqt li jittieħed vantaġġ ukoll mill-ġharfien espert u l-kooperazzjoni fil-qafas tal-EDA. Filwaqt li jfakkar fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO⁶, b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar is-sett komuni ta' regoli ta' governanza⁷, sabiex possibbilment jiġu adattati l-modalitajiet għall-involviment mal-industrija tad-difiża, l-istituti tar-riċerka, u d-dinja akkademika, b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Kunsill.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 tal-5 ta' Novembru 2020 li tistabbilixxi kundizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO.

19. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-kapitalizzazzjoni mir-riżultati ta' proġetti li tlestew b'suċċess. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà tal-PESCO, pereżempju possibbilment permezz ta' tikketta ddeżinjata "PESCO" u billi ssir komunikazzjoni proattiva dwar l-impatt u l-kontribut ta' proġetti ta' suċċess, kif ukoll it-tranżizzjoni possibbli tagħhom lejn kapaċitajiet ta' difiża li jiffunzjonaw. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lis-Segretarjat tal-PESCO, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti, biex imexxi l-ħidma meħtieġa 'l quddiem.
20. Filwaqt li jfakkar fl-impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna, il-Kunsill jinnota l-possibbiltà li l-proġetti tal-PESCO jikkontribwixxu aktar għall-għanijiet iddikjarati fihom, inkluż billi jiġu żviluppati l-kapaċitajiet li huma meħtieġa wkoll għal gwerra ta' intensità għolja fil-kontinent Ewropew. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri parteċipanti, bl-appoġġ tas-Segretarjat tal-PESCO, biex jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni tal-Ukrajna fi proġetti tal-PESCO, fil-qafas legali attwali relatat mal-parteeċipazzjoni ta' Stati terzi, u biex jipprovdu possibbiltajiet għall-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li dan jappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni, filwaqt li jwassal għall-integrazzjoni progressiva tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ukrena fl-EDTIB.

21. Il-Kunsill ifakkar li Stati terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO, f'konformità mal-proċedura ta' stedina prevista fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO. Stati terzi jistgħu jipprovdu valur miżjud sostanzjali għall-proġett u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-PESCO u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u jissodisfaw l-impenji aktar vinkolanti, kif muri mill-proġett tal-Mobbiltà Militari. Fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti, il-Kunsill iqis li huwa konvenjenti li jkompli jiġi sfruttat l-involviment ta' Stati terzi fi proġetti tal-PESCO, fejn dan l-involviment jipprovdi valur miżjud.

Metodi ta' ħidma u r-rwol tas-Segretarjat tal-PESCO

22. Il-Kunsill jenfasizza li l-Istati Membri parteċipanti, b'mod partikolari fil-livell politiku, jibqgħu responsabbli għall-ħarsa ġenerali tal-PESCO, inkluż permezz tal-valutazzjoni u r-rieżami tal-progress u l-għoti ta' direzzjoni strateġika. Skambji aktar frekwenti bejn l-Istati Membri parteċipanti, inkluż fil-livell ministerjali, tal-kapijiet tad-difiża u tal-ambaxxaturi, ser iwasslu għal dak l-għan, speċjalment f'oqsma fejn l-isforzi jeħtieġ li jissaħħu aktar.

23. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rwol ċentrali tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali (PIN) bħala strument għat-trawwim tat-trasparenza fost l-Istati Membri parteċipanti u għall-valutazzjoni tal-progress tagħhom fit-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti, anke b'appoġġ għar-Rapport Annwali tar-Rappreżentant Għoli. Il-Kunsill jistieden lis-Segretarjat tal-PESCO jippreżenta, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti, mudell aġġornat u simplifikat tal-PIN, li għandu jintuża fil-fażi li jmiss tal-PESCO, sabiex il-PIN isiru aktar iffukati politikament, konċiżi, u orjentati lejn il-futur, filwaqt li jirrappurtaw dwar it-twettiq tal-impenji aġġornati. Barra minn hekk, il-Kunsill jistenna b'interess li jżomm iċ-ċiklu annwali tal-PIN u iċ-ċiklu biennali tad-dikjarazzjonijiet politiċi.
24. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ewlenija li tittejjeb il-komunikazzjoni strateġika dwar il-PESCO u l-isforzi tal-Istati Membri parteċipanti f'dan il-qafas, għal udjenzi differenti, inkluż iċ-ċittadini tal-UE. Huwa jinnota li r-Rapport Annwali mħejji mir-Rappreżentant Għoli u r-Rakkomandazzjoni annwali tal-Kunsill għandhom jintużaw biex jappoġġaw dan il-kompitu. Komunikazzjoni effettiva żżid il-viżibbiltà tal-PESCO bħala inizzjattiva ewlenija tad-difiża tal-UE, u tkompli tikkontribwixxi għal sforzi usa' ta' komunikazzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.
25. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' korsijiet u taħriġ addizzjonali ddedikati relatati mal-PESCO, li għandhom jingħataw mill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) skont ir-riżorsi disponibbli.

26. Filwaqt li l-PESCO tibqa' inizjattiva mmexxija mill-Istati Membri, il-Kunsill jilqa' rwol aktar b'saħħtu u aktar effettiv tas-Segretarjat tal-PESCO biex iwettaq l-għanijiet tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma ta':

- il-valutazzjoni tat-twettiq tal-impenji;
- il-valutazzjoni tal-proposti għal proġetti ġodda tal-PESCO;
- l-appoġġ għall-identifikazzjoni ta' proġetti fuq talba tal-Istati Membri parteċipanti, f'konformità mal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE u l-opportunitajiet kollaborattivi tal-CARD;
- l-assistenza lill-Istati Membri parteċipanti fil-ġestjoni tal-proġetti u l-evalwazzjoni tal-progress miksub, anke permezz tal-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;
- l-assistenza lill-Istati Membri parteċipanti biex jikkompletaw il-PIN annwali, anke permezz tal-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;
- l-appoġġ għas-sinerġiji fost il-proġetti;
- it-tiftix ta' sinerġiji ma' inizjattivi u għodod rilevanti oħra;
- l-appoġġ għall-KESD f'korsijiet u taħriġ relatati mal-PESCO, kif meħtieġ;
- u t-titjib tal-komunikazzjoni strateġika.

27. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni futura, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li s-Segretarjat tal-PESCO jkollu persunal adegwat.

It-triq 'il quddiem

28. Il-Kunsill jistenna b'interess li l-PESCO tiġi adattata, f'konformità ma' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill. B'mod partikolari, huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex, bl-appoġġ tas-Segretarjat tal-PESCO, jipproponi, fil-ħin opportun, emendi xierqa għall-qafas legali tal-PESCO, abbażi tal-gwida pprovduta f'dawn il-Konklużjonijiet. B'mod partikolari, huwa jistenna b'interess l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-PESCO sa Mejju 2025, u l-emenda possibbli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti tal-PESCO sa tmiem l-2025, li jwittu t-triq biex il-fażi li jmiss tal-PESCO tibda fl-2026.
-